**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 t'Ottubru 2019**

**Talba Nru: 225/18 CZ**

**JJ Scerri Co Limited (C 19742)**

**vs.**

1. **Antonio Gauci**
2. **New Front Limited (C 54779)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-21 ta' Mejju 2018 li biha premettiet:

1. Illi l-kumpanija attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lill-konvenut Antonio Gauci fuq inkarigu tieghu stess, ghas-somma komplessiva ta' erbat'elef mija u tlieta w tmenin Euro (€4,183), u dan kif jirrizulta mill-annessa fattura mmarkata bhal Dok. JJ 1.
2. Illi l-kumpanija New Front Limited offriet illi thallas parti mill-ammont sucitat a saldu, liema ammont il-kumpanija attrici m'accettatx u rritornat lura. Illi

ghahekk jidher illi New Front Limited assumiet l-obbligi tal-konvenut Antonio Gauci versu l-kumpanija attrici.

3. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-attur, inkluz permezz ta' ittra ufficcjali datata 9 ta' Marzu 2018 kopja ta' liema hija hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dok. JJ2, u l-konvenuti baqghu ma hallsux l-ammont ta' erbat'elef mija u tlieta w tmenin Euro (€4,183), liema ammont huwa cert, likwidu u dovut.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett lil dan it-Tribuna, illi prevja kwalsiasi provvedimenti li jidhirlu xierqa u opportuni:

1. Jidikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma debituri favur l-attrici fis-somma ta' erbat'elef mija u tlieta w tmenin Euro (€4,183) rapprezentanti ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut Antonio Gauci fuq inkarigu tieghu stess;
2. Jikkundanna l-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attrici s-somma ta' erbat'elef mija u tlieta w tmenin Euro (€4,183).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficcjali li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti mressqa fl-1 ta' Gunju 2018 li permezz taghha eccepew:

1. Illi l-esponenti New Front Limited ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' rikorrenti;
2. Illi minghajr pregudizzju, fil-mertu, l-esponent Antonio Gauci accetta li ghandu jaghti parti mill-ammont pretiz mis-socjeta' rikorrenti (€2,324), tant illi offra l-hlas ta' tali parti u ddepozita tali parti taht l-awtorita' tal-Qorti meta dawn gew rifjutati; mhuwiex minnu li dawn gew offruti ghas-saldu, tant illi c-cedola msemmija hija liberament zbankabbli minghajr l-ebda kundizzjoni; ghalhekk ir-rikorrenti qed tirrifjuta tali flejjes minhabba pika u xejn aktar, u

l-esponent la ghandu jehel spejjez u wisq inqas imghaxijiet in konnessjoni ma' tali parti mhux ikkontestata mill-ammont pretiz;

3. Illi ukoll minghajr pregudizzju, il-kumplament tal-ammont pretiz mir-rikorrenti mhuwiex dovut, billi dan jirreferi ghal merkanzija illi in parti giet restitwita u accettata lura mis-socjeta', u in parti tikkoncerna forn illi gie offrut lura mill-esponent minhabba li baqghet qatt ma giet ikkonsenjata l-*microwave oven* ta' pariggu; billi l-ftehim ta' bejn il-partijiet kien illi l-esponent jixtri l-forn u l-oggetti l-ohra biss jekk ma jirnexxilux ibieghhom fi zmien sentejn, u billi dan il-forn ma nbieghx traskuragni u pika tas-socjeta' rikorrenti, l-esponent jeccepixxi li mhuwiex obbligat li jixtri tali forn u ghalhekk iddepozitah taht l-awtorita' tal-Qorti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensuri;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Doreen Scerri[1], Michael Scerri[2], Kenneth Francica[3], il-konvenut[4], Maria Antonella Seminara[5].

Ikkunsidra:

Illi **Doreen Scerri**, direttrici fis-socjeta' attrici rreferiet ghal invoice a fol. 5 tal-process li tirraprezenta appliances mibjugha lill-konvenut *on consignment*, li setghu jithallsu wara sentejn, b'hamsin fil-mija (50%) skont.

Illi **Michael Scerri**, CEO fis-socjeta' attrici qal li l-konvenut kien mar l-ufficcju tas-socjeta' attrici u x-xhud ftiehem li jtieh prodotti *on consigment*, u wara sentejn il-konvenut kellu jixtri l-istess prodotti, b'50% skont. Qal li wara li qabzu s-sentejn beda jitlob lill-konvenut ihallas. Il-konvenut pero' beda jghidlu li kellu problema b'xi prodott, u baghatlu cheque b'parti mll-ammont mitlub, ghas-saldu, li x-xhud m'accettax. Ix-xhud qal ukoll illi matul is-sentejn precedenti, il-konvenut ma kienx kellmu. Qal ukoll illi kien ghadda lill-konvenut prodott tad-ditta 'Gorenje' sabiex jimla spazju vojt li kellu fix-showroom. L-invoice li rrefera ghaliha, a fol. 5, pero', kienet tirreferi kollha kemm hi ghal prodotti tad-ditta 'Fisher & Paykel'. Qal ukoll illi lill-konvenut kien itieh dak li jidhirlu hu biex jimla l-ispazji vojta, ghax ma kienx ghamel ftehim mieghu x'ha jtieh, u f'dan il-kuntest uza l-frazi 'Beggars and not choosers'. Mistoqsi jekk il-konvenut kienx ressaqlu klijenti li riedu jixtru kcina kompluta, u li kellhom bzonn xi oggetti direttament minghand is-socjeta' attrici, u x-xhud ma tahomlux, ix-xhud innega. Qal ukoll illi kien hemm 'warming oven' li kien parti mill-invoice originali li l-konvenut kien baghtu fil-mahzen tas-socjeta' attrici, u x-xhud baghtu lura lill-konvenut. Kien hemm *warming drawer* partikolari, pero' li l-haddiema tas-socjeta' attrici gabuh, flimkien ma' xi appliances ohra li kellu jibghat il-konvenut bi ftehim, u s-socjeta' attrici zammet dan il-forn ghandha, u

[1] Fol. 18
[2] Fol. 21 u fol. 38
[3] Fol. 31 u fol. 41
[4] Fol. 50, u kontro-ezami fis-seduta ta' l-20 ta' Frar 2019
[5] Affidavit a fol. 68

fuqu kienet qed titlob il-hlas. Ix-xhud qal li dwar dan l-istess *warming drawer* kien cempel lill-konvenut biex jiehdu lura. Sussegwentement, matul il-kors tal-kawza odjerna, dan gie depozitat b'cedola. Mistoqsi ghalfejn ma zbankax il-flus li l-konvenut iddepozita b'cedola, ix-xhud qal li ma jafx.

Illi **<u>Kenneth Francica</u>** qal li huwa jassisti lill-klijenti tas-socjeta' attrici fuq aspetti teknici. Ix-xhud gharaf l-*invoice* a fol. 5 tal-process, u xehed illi dawk l-oggetti l-konvenut kien accettahom. Qal ukoll illi fiz-zmien li l-konvenut ghamel l-ordni, is-socjeta' attrici ma kellhiex zewg affarijiet u cioe' microwave u steam oven tad-ditta Fisher & Paykel. Il-ftehim kien illi meta jidhlu fl-istock tas-socjeta' attrici kellhom jintbaghtu lill-konvenut. Qal ukoll illi l-warming drawer gabuha lura ghand is-socjeta' attrici l-impjegati tal-istess socjeta'.

Illi **<u>l-konvenut</u>** xehed illi Michael Scerri mis-socjeta' attrici kien qallu biex jaghzel il-prodotti li ried juri fix-*showroom* tieghu. Saret proforma li kienet turi bi preciz liema appliances ried, u ftiehem ma' Michael Scerri mis-socjeta' attrici dwar il-mod kif kellhom jithallsu, u cioe' li Scerri kellu jghaddi l-appliances lill-konvenut u jhallsu meta jbieghhom. Ftehmu wkoll fuq skond ta' 50%, f'kaz li jghaddu sentejn u ma jsirx il-bejgh. Il-konvenut qal li ordna kcina minghand il-manifattur tal-kcejjen u l-appliances maghzula minghand is-socjeta' attrici ma waslux kollha. Il-konvenut ghaddielu zewg prodotti alternattivi sabiex jimlew l-ispazji li kien hemm vojta fil-kcina li l-konvenut kien qed juri fix-showroom tieghu. Dawn l-appliances sostituti spiccaw biex damu sentejn fix-showroom. Wara dawn is-sentejn, Michael Scerri baghatlu invoice ghall-hlas. Qal ukoll illi kienet intabet klijenta certa Maria Antonella Seminra li setghet tixtri l-appliances in kwestjoni u riedet ukoll il-microwave li s-socjeta' attrici originarjament ma kinitx provdiet u li, fl-2016 kien issa fl-istock tas-socejta' attrici. Sussegwentement, Seminara xtrat forn ta' ditta ohra, u l-bejgh tal-forn tad-ditta Fisher & Paykel intilef. B'hekk il-konvenut spicca b'forn minghajr il-companion oven ossia microwave ta' mieghu. Il-*packaging* tal-forn li ssemma qabel kienu haduhom maghhom l-impjegati tas-socjeta' attrici meta gabu l-forn. Sussegwentement, dan il-forn, li wasal lura ghand il-konvenut, permezz tal-istess impjegati tas-socjeta' attrici, u dan wara ordni ta' Michael Scerri,

gie depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti mill-istess konvenut permezz ta' cedola. Il-konvenut kiteb cheque biex ihallas lis-socjeta' attrici ta' l-appliances kollha hlief ghall-forn u l-warming drawer. Ix-xhud qal ukoll illi l-impjegati tas-socjeta' attrici ma kienx minnu li kien hu li li qalilhom biex jiehdu l-warming drawer, izda kienu haduh bhala haga wahda huma stess.

Illi **Maria Antonella Seminara** xehdet illi kienet ser tixtri kcina minghand il-konvenut, u wara li xtrat ammont ta' appliances minghand is-socjeta' attrici, l-istess socjeta' ma riditix tikkonferma l-ordni li kienet ghamlitilha ta' microwave u hob, qabel ma jsir il-hlas ghall-appliances li kienu diga' fil-pussess tal-konvenut. Eventwalment xtrat il-kcina minghand il-konvenut, izda l-appliances li nholqot problema dwarhom xtrathom minn band'ohra.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' nofs il-prezz imnizzel fl-invoice kif misjuba a fol. 5 tal-process li kienet tistabbilixxi dawk l-oggetti li skond is-socjeta' attrici ha u accetta l-konvenut. Din l-invoice partikolari saret f'gheluq is-sentejn minn mindu l-appliances in kwestjoni ghaddew f'idejn il-konvenut.

Illi min-naha l-ohra, il-konvenut prezenta proforma invoice, hekk kif mahruga fit-8 t'April 2014, u allura fiz-zmien li ghaddew l-ogetti, u li ma gietx kontestata, li turi attwalment liema kienu l-oggetti li kellhom jittiehdu mill-konvenut. Ghandu jinghad illi f'dik il-proforma invoice kien hemm steam oven li mill-provi rrizulta li ma baqax isir u ghalhekk is-socjeta' attrici ma talbitx hlas tieghu.

Illi l-konvenut jacetta illi huwa kellu jhallas l-ammont ta' elfejn, tliet mija u erbgha w ghoxrin Euro, rapprezentanti l-prodotti kollha fil-proforma invoice fuq imsemmija, hlief ghal-isteam oven, il-microwave, il-forn u l-warmdrawer.

Illi dwar l-ewwel zewg prodotti, huwa pacifku jinghad illi dawn qatt ma gew konsenjati u m'hemmx kwistjoni dwarhom. Dwar l-ahhar zewg prodotti, izda, hemm verzjonijiet kontrastanti miz-zewg partijiet. Jekk wiehed kellu jibda mill-forn, jirrizulta illi dan kien intbaghat lura mill-konvenut lis-socjeta' attrici, u din min-naha taghha kienet baghtitu lura lill-konvenut. It-Tribunal jirrileva izda illi kien korrett il-konvenut jghid illi dan il-forn ma setax jinbiegh minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' attrici, u dan ghaliex irrizulta li s-socjeta' attrici kellha fil-pussess taghha il-prodott li kien affini ghal dan il-forn u baqghet ma ghadditux lill-konvenut, bil-konsegwenza illi l-bejgh tal-forn bhala forn wahdu, ma baqax jaghmel sens. Iktar minn hekk, il-konvenut ddepozita dan il-forn taht l-awtorita' tal-Qorti b'depozitu li ma kienx kundizzjonat. Ma jirrizultax lit-Tribunal illi l-istess forn gie b'xi mod irtirat mill-istess socjeta' attrici, u baqa' depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti. Lil hinn mid-depozitu, pero', it-Tribunal jirrileva illi peress li kienet is-socjeta' attrici li naqset li tforni lill-konvenut bl-oggetti li kellhom jinbieghu flimkien mieghu abbazi tal-proforma invoice imsemmija, il-konvenut ma ghandux jinstab responsabbli ghall-hlas ta' tali forn.

Illi dwar il-warming drawer, ghandu jinghad illi dan gie ritornat lura lis-socjeta' attrici permezz tal-impjegati tas-socjeta' attrici stess. Anke f'dan ir-rigward, irrizulta mill-provi illi n-nuqqas tas-socjeta' attrici li tforni lill-konvenut bil-microwave mehtieg tad-ditta Fisher & Paykel ippregudika l-vendibilita' ta' dan l-istess warming drawer. Kif irrizulta mill-provi, dan l-appliance partikolari ma jistax jittiehed ghalih wahdu, u li, jekk jinxtara, irid jittiehed mal-appliances tal-kcina li qrib hafna taghhom ha jkun qed jitwahhal dan l-appliance partikolari. F'dan il-punt kien korrett il-konvenut li jishaq li d-ditta ta' dawn l-appliances hija wahda prestigjuza, ghaliex dan jaghmel id-differenza kollha dwar jekk dawn l-appliances fihom infushom ikunux jippermettu jew le li jikkoezistu fi kcina. Dwar dan il-warm drawer, is-socjeta' attrici ghazlet li tiddepozitah fil-5 ta' Novembr 2018, meta l-

kawza kienet diga' nbdiet, u meta kien ilu ghandha madwar sena w nofs, hekk kif jirrizulta minn Dok. AG 4. It-Tribunal huwa tal-fehma li dan id-depozitu kien tardiv, u z-zamma ta' dan l-oggett mis-socjeta' attrici minghajr ma ddepozitatu minnufih fil-fehma tat-Tribunal ippregudika l-effettivita' tad-depozitu.

Illi ghandu jinghad ukoll illi l-konvenut iddepozita l-ammont li skond hu kien jidhirlu dovut permezz ta' cedola ta' depozitu, li kienet l-istess cedola li biha ddepozita l-forn, u ghalhekk ukoll bla ebda kundizzjoni fuq l-izbank tal-istess somma, izda tali somma ma rrizultax lit-Tribunal li giet b'xi mod zbankata mis-socjeta' attrici. It-Tribunal ha jiehu dan ukoll in konsiderazzjoni kwantu jirrigwarda l-imghax.

Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal jezistu bizzejjed ragunijiet sabiex il-konvenut jintalab ihallas tal-prodotti kollha hlief ghal dawn imsemmija fit-tliet paragrafi precedenti.

Illi in kwantu ghall-pozizzoni tas-socjeta' konvenuta u b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, ghandu jinghad illi n-negozju dejjem sar mal-konvenut u kien il-konvenut li kien jikkorrispondi mas-socjeta' attrici f'isem id-ditta/hanut 'Core' li ma jirrizultax li ghandu xi personalita' guridika separata. Ghaldaqstant ghandu jkun il-konvenut wahdu li jwiegeb ghat-talbiet tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Jilqa' l-ewwel eccezzjoni u jillibera lis-socjeta' konvenuta New Front Limited (C 64779) mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Jilqa' limitatament it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u jilqa' wkoll limitatament it-talbiet tas-socjeta' attrici, fis-sens li qieghed jordna lill-konvenut Antonio Gauci wahdu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tliet mija u erbgha u ghoxrin Euro (€2,324), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur